**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 429 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Vella)**
**vs**
**Joseph Camenzuli**

Illum, 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Camenzuli ta' 42 sena, iben Joseph u Maria nee' Magrin, imwieled San Giljan fl-24 ta' November, 1978, residenti gewwa 126, Triq il-Qasira, Mosta u detentur tal-karta tal idenitita' Maltija bin-numru 587578 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Talli fix-xahar ta' Marzu, 2021, f' dawn il-gzejjer Maltin, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Dr Robert Aqulina u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat bi ksur tal-Artikolu 49 (a) tal-Kap 399 tal Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba titratta lil Joseph Camenzuli bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Dr Robert Aquilina.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 7 u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 49 (a) u 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Joseph Camenzuli hati tal-imputazzjonijiet bin-numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tlett elef Euro (€ 3,000).

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rabtet lil hati Joseph Camenzuli b' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin millum, ghall-protezzjoni ta' Dr Robert Aquilina. Il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil konfront tal-parte civile, Dr Robert Aquilina ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u rabtet lill-imputat Joseph Camenzuli b' garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil parte civile.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Camenzuli minnhu pprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrifomha billi, tikkonferma il-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u cjoe, ir-raba' akkuza, u, thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cioe fl-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena anqas harxa u aktar idonea u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-Aggravji tal-esponent li huma cari u manifesti u cioe:

Illi primarjament l-esponent jeccepixxi il-preskrizzjoni fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni u cjoe, li f' Marzu 2021, insolenta jew hedded jew ingurja bi kliem jew mod iehor lil Dr Aquilina ai termini tal-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 stante illi huwa gie innotifikat fix-xhar ta` +Novembru 2021 bl-akkuzi dedotti kontrieh;

Di pui, l-esponent appellant b' referenza ghat-tieni u tielet imputazzjoni mahruga taht l-Kap 399 tal-Ligijiet ta` Malta (Att dwar il-Komunikazzjonijiet), qieghed jressaq dawn l-aggravvji:

Primarjament, kif l-esponent mal-ewwel gie interogat u kif turi l-istqarrija tieghu liema stqarrija saret minghajr ma ghazel li jikkonsulta ma xi avukat ta' fiducja tieghu, spjega li huwa kien inkwetat bl-effetti li kienu qed jhallu l-protesti fuq in-negozju tieghu.

Huwa cjoe l-appellant, kellu diversi lottijiet ta` xoghol ta` abbigliamenti tax-xitwa li ma setghax jbiegh u iddikkjara li kull ma kiteb kien kumment politiku, in reazzjoni ta x' kiteb Dr Aquilina fl-liema post fuq l-midja socjali, Dr Aquilina iddikjara u ittimbra lil Laburisti huma vjolenti, u li ma jibzax mill-eks PM Muscat, u diversi persuni ohra nkluz l-attwali Prim Ministru Abela.

Issa jsegwi illi, galadarba, persuna qeda fil-kamp pubbliku irid ikun analizzat jekk l-istess persuna ma tippretendiex jew ossia ghandhiex tistenna illi cittadini jew nies ohra m ghandhomx drittijiet ugwali illi jikkumenntaw b' reazzjoni ghal dak li huma stess jkunu kitbu jew ghamlu!

Theddida, trid tkun effettivament gejja minn persuna b' messagg inekwivoku liema kliem miktub jew verbali irrid ikun manifestament jfisser li huwa ta` theddida u mhux opinjoni u suggeriment cjoe dak li hemm miktub fil-kumment li tieghu nstab hati l-appellant, cjoe, li 'iddejjaq' . L-ahhar tlett kelmiet mitkuba cjoe, ' ibda ibza wahdek il-Belt' , l-appellant ried jghidlu lil Dr Aquilina illi lin nies kienu qedin jiddejjqu bil-protesti u bl-ebda mod immaginabbli ma ried iffisser jew iwassal il-messagg illi huwa l-appellant kien bhala sid hanut tal-hwejjeg sejjer jwegga jattakka fisikament jew b mod iehor lil istess Dr Aquilina!

Jekk persuna tisma lil terzi jgergru kontra Dr Aquilina u dan jwassallu messagg, kif qatt tista tkun ikkunsidrata bhala ksur tal-artikolu 49 (a) u (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta` Malta?! L-element tat-theddid jrid jkun oggettiv u mhux soggettiv, jigiefiri, li kieku persuna thares biss lejn persuna ohra u din ta` l-ahhar tikkunsidra tharis tal-ewwel persuna bhala theddida allura fil-kamp penali ghandha tinstab hatja ta` theddid?

L-appellant, jerga jigi ritenut genwinament hassu insolentat b'li kiteb Dr Aquilina kontra l-Laburisti u l-Kapijiet tal-Partit taghhom, u maghqud mal-frustrazzjoni ikkagunati mill-fatt li l-protesti organizzati mill-NGO Repubblika f' perjodu segwenti gheluq tal-istess hwienet minhabba regolamenti dwar il-pandemija covid, bhala

persuna umana hass li kellu jikkummenta in difesa ghal li kiteb Dr Aquilina. Fl-ebda hin jew kliem ma qallu kliem ovvjament intiz biex jbezzghu jew li ser jikkagunalu huwa stess cjoe l-appellant biza jew vjolenza, imma espressa ruhu x kienu qedin jahsbu nies ohra bhalu.

Illi dan il-fatt, minnu stess jinnewtralizza kwalsiasi element ta' thedid kif inhu provdut fl-artikolu 49 (a) tal-Kap 399. Twassal messagg lil persuna dwar x' qedin jghidu nies fuqu mhux theddid. Di pui' l-artikolu 49 (c) cjoe t-tielet akkuza, fejn jghid ' *ghamilt uzu mhux xieraq'* bl-apparat elettroniku, cjoe Facebook ma tistax treggi bhala sejbien ta` htija u dan stante illi kif inhu maghruf minn kullhadd, l-istess mezz ta` komunikazzjoni socjali, kull meta persuna tikteb kliem t' offiza kontra haddiehor ikkunsidrat theddid jew theggieg ghal mibgheda, l-istess mezz ta media socjali tippunixxi billi tapplika mizuri bhal sospensjoni temporanja tal-qarrej *user* jew sanzjonijiet ohra, izda dan ma sehhx fil-konfront tal-appellant, tant li anka l-istess ufficcjali tac-Cyber Crime Unit qalulu waqt l-interogazzjoni li ma kienu qeghdin jaraw xejn punibbli jew reat bli kien kiteb!!

Illi dan jista jerga jikkonfermah l-appellant stante illi traskrizzjoni tax-xhieda waqt l-proceduri minnhom ntavolat dan l-appell jista jkun mhumiex inkluzi fl-atti processwali sabiex din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tkun tista tevalwa precizament x-xhieda prodotta quddiem l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghall-ewwel aggravju tal-appellant u cioe' fejn dan ecepixxa l-preskrizzjoni fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni u cjoe, li f' Marzu 2021, insulenta jew hedded jew ingurja bi kliem jew mod iehor lil Dr. Aquilina ai termini tal-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 stante illi huwa gie innotifikat fix-xahar ta` Novembru 2021 bl-akkuzi dedotti kontrih.

Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 huwa reat ta' natura kontravvenzjonali u ghalhekk jinsab f'Taqsima III tal-Kodici Kriminali, specifikament taht is-sub-titolu II li jigbor fih il-kontravenzjonijiet kontra l-persuna. Fir-rigward tal-preskrizzjoni f'kontravvenzjonijiet Artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali jistipula illi: *'Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni (**f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet**, u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.'*

Mill-komparixxi, mertu ta' dawn il-proceduri jirrizulta illi l-appellant qieghed jigi akkuzat illi **f'Marzu ta' 2021** huwa hedded jew ingurja bi kliem jew mod iehor lil Dr Aquilina. L-appellant qieghed jallega illi huwa gie notifikat bl-akkuzi kontrih f'Novembru, 2021. Jirrizulta mill-atti processwali u cioe' kemm mix-xhieda tal-Ispettur Michael Vella[1] illi l-appellant gie mitkellem l-ewwel darba f' Lulju 2021 u ma kienx ghadu gie notifikat bl-akkuzi fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, anke f'Lulju l-ewwel imputazzjoni kienet preskritta u dan stante t-trapass taz-zmien ta' iktar minn tlett xhur. Ghalhekk din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju tal-appellant.

Sussegwentament l-aggravji tal-appellant, ghalkemm mhux car, jidher li jirrigwadjaw primarjament l-apprezzament zbaljata tal-fatti mill-Ewwel Qorti u alternattivament b'mod sekondarju illi l-piena nflitta hija eccessiva u mhux idonea.

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, f'bosta sentenzi l-:

> *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."*

[1] Fol. 116 et seq. tal-atti processwali.

(App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2] u **Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[3] u ohrajn.)

Ghaldaqstant, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guzeppi Bilocca**:[4]

> *'…din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[5]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[6]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" "**Il-Pulizija vs Julian Genovese**[9]"u ohrajn.'

Illi f'diversi appelli kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Anthony Debono**;[10] **Il-Pulizija vs Noel Borg**;[11] **Il-Pulizija vs Brian Barbara;**[12] **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores**[13]u

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 t' Ottubru, 2021.

ohrajn, kollha jaghmlu referenza ghall-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[14], fejn inghad illi :-

> *'Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz,* ***tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.'***

Illi tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti u ghaldaqstant hija zvantagguza ghax ma tkunx rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Madankollu, dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. Ghalhekk din il-Qorti ukoll trid taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

**Ikkunsidrat,**

[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994.

Illi l-appellant irrilaxxa stqarrija[15] nhar it-28 ta' Lulju, 2021 fejn wara li nghata d-drittijiet tieghu skond il-ligi huwa qal li kien jaf li qieghed jigi nterrogat minhabba li kien ghadda kumment fuq Facebook. Hu kkonferma li n-numru 99426246 huwa tieghu u jaghmel uzu minnu hu. Hu ammetta illi l-profil ta' Facebook bl-isem 'Mario Borg' jaghmel uzu minnu hu. L-appellant ikkonferma illi l-kumment fil-konfront ta' Dr. Robert Aquilina kien kitbu hu. Spjega illi gietu sahna tal-mument x'hin ra l-post ta' Dr Aquilina minhabba l-fatt li kienu ghamlu hafna protesti fl-ahhar xhur tas-sena 2020 u li minhabba fihom hu kien imwegga minhabba l-ghejxien tieghu ta' kuljum u dan ghaliex kien affetwat hazin in-negozju tieghu. Zied jghid illi fl-ebda hin ma kien ta' theddid dak il-post. Mistoqsi kienx nehha l-kumment, hu wiegeb fl-affermattiv. Hu kkonkluda billi qal li jiddispjacih li kien ghamel izda li kien ghamel ghax kien imwegga ghal familja tieghu kif spjega aktar qabel.

**L-Ispettur Michael Vella**[16] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn spjega illi nhar it-23 ta' Marzu, 2021 kien ircieva email minghand Dr Robert Aquilina li dahlet tramite s-Supretendent tieghu u dan fl-email qal illi xtaq jirraporta li gie mhedded permezz ta' Facebook. Dan spjega illi persuna bl-isem 'Mario Borg' kienet qaltlu "*U jien ga dejjaqtni l-Belt ha nghidlek ibda ibza' wahdek il-Belt*". Hu kien ghamel kuntatt ma' PC 234 fis-sezzjoni ta' Cyber Crime Unit u nfurmah bir-rapport sabiex hu jibda bl-investigazzjoni tieghu.

Nhar is-27 ta' Lulju hu rcieva file bin-numru CCU/IMV/73/2021 fejn PC234 infurmah illi dak il-Facebook kien gie accessat bin-numru 99426246. Mir-ricerka li ghamel mis-sistema taghhom hu rrizultalu illi dan in-numru seta' jappartjeni lil Joseph Camenzuli li hu gharaf fl-Awla. Nhar it-28 ta' Lulju, hu ghamel kuntatt mas-Sur Camenzuli fejn talbu jmur l-ghassa sabiex jigi mitkellem fuq ir-rapport. Hu kien infurmah bid-drittijiet tieghu, inkluz li seta' jikkonsulta ma'Avukat, izda dan irrifjuta u ffirma dikjarazzjoni. L-appellant kien ammetta li kien hu li halla dak il-kumment fuq il-post ta' Dr. Aquilina

[15] Fol. 6 tal-atti processwali.
[16] Fol. 116 tal-atti processwali.

u kien ammetta wkoll li n-numru 99426246 kien tieghu. L-appellant kien qallu illi l-kumment kien ghamlu f'sahna tal-mument minhabba li l-protesti li kienu qed isehhu f' Novembru affetwawlu hazin in-negozju. Apparti minn hekk hu qallu li ddispjacih u fl-ebda hin ma ried jhedded lil Dr Aquilina. In kontro-ezami hu qal li l-appellant kien qallu li hu ghandu hanut tal-hwejjeg vicin tal-Parlament.

**<u>Dr Robert Aquilina</u>**[17] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn qal illi hu ghamel rapport nhar it-23 ta' Marzu, 2021 fuq kumment li kien sar minn profil li rrizulta li hu falz u li jgib l-isem 'Mario Borg'. Dan il-kumment kien sar nhar it-22 ta' Marzu, 2021. Hu qal illi l-kumment kien jghid hekk "*Jaqaw m' ghadekx taqla bizejjed biex qieghed taghmel gustizzja int qabel il-Qorti kollox qieghed tivvinta biex jergghu jitilghu l-PN, ahna kwieti imma sakemm itellghuhomlna ta' ghax s'issa kollox taht il-PN sar ta' u l-ewwel wiehed int, u jien ga dejjaqtni l-Belt u ha nghidlek ibda ibza' wahdek il-Belt*". Dr Aquilina qal li l-kumment hadu bhala theddida. Spjega kif dawn it-tip ta' kummenti fl-ahhar xhur kienu frekwenti hafna u minhabba posts bhal dawn u ohrajn sahansitra kellu bzonn protezzjoni tal-Pulizija.

Mistoqsi jafx lill-imputat hu wiegeb illi ismu u wiccu mhux familjari. Hu kkonferma li lejn l-ahhar tal-kumment kien hemm it-theddida. Spjega illi fost affarijiet ohra kien talab id-dettalji tal-appellant, b'liema akkuzi ser ikun akkuzat u jekk qattx l-appellant gie misjub hati b'xi reati vjolenti fil-passat. Hu qal illi kien ghamel dan sabiex ikun jista' jipprepara ruhu ghas-seduta tat-22 ta' Novembru, 2021, kif ukoll sabiex ikun jista' jipprotegi ruhu mill-persuna akkuzata.

**<u>PC 234 Ray Mugliett</u>**[18] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn spjega illi nhar it-23 ta' Marzu, 2021 kien rcieva email minghand l-Ispettur Micheal Vella fejn talab assistenza fuq profil ta' Facebook ta' Mario Borg u dan ghaliex kien hemm post fuq Facebook ta' Dr Robert Aquilina fejn Borg kien halla kumment fejn seta' jkunu ta'

[17] Fol. 121 tal-atti processwali.
[18] Fol. 125 tal-atti processwali.

nsulti. Minn meta rcivew il-korrispondenza bdew jipprovaw jistabilixxu l-profil kienx wiehed falz jew wiehed ta' vera. Minn stharrig preliminar huma sabu li kien profil falz u baghtu request lil Facebook urgenti, fejn dawn tal-ahhar ma laqghux it-talba ghaliex ma kienx hemm loss of life allura qalulhom li kienu ser jitrattawa bhala ta' natura normali. Facebook kellmuhom lura nhar il-25 ta' Marzu, 2021. L-IP address irrizulta li huwa tal-Melita, u Facebook kienu ghaddewlhom numru ta' mobile fejn dan ikun self-verified, jigifieri meta persuna tkun qed tikreja Facebook dawn jitolbu mobile number biex huwa jawtentika dak l-account biex kemm jista' jkun jillimitizzaw li jkun hemm false accounts li jistghu jsiru ghal skopijiet ta' harassment u l-persuna ma jkunx jista' jigi stabbilit.

Fis-27 ta' Marzu, hu qal li baghat request lill-Melita sabiex tigi mghoddija l-informazzjoni necessarja. Intbghatu diversi reminders lil Melita. Dawn tal-ahhar wiegbu nhar l-14 ta' Lulju, fejn qalu li ma kellhomx informazzjoni fuq dak l-IP address. Spjega illi IP address li jahdem bis-sistema tal-mobile jista' jkun dynamic, jigifieri jaf li IP jkun ghandi u ftit minuti wara jdur fuq haddiehor. Min-naha tieghu qal li kien ghadda l-informazzjoni kollha, inkluz il-mobile number lill-Ispettur Michael Vella.

In kontro-ezami hu spjega illi hu nvestiga fuq il-post li qed jghid li huwa Mario Borg fejn saret riservazzjoni tieghu kif ukoll fuq l-URL ta' dan Mario Borg li ghamel il-kumment li dan l-URL link huwa awtentiku tieghu jigifieri l-persuna hu l-istess wiehed li ghadda l-kumment. Hu kellu l-kumment identifikat mill-Ispettur Vella u l-vittma u hu mexa fuq il-kumment. Hu pprezenta r-rapport tieghu fejn fost affarijiet ohra, f'Appendici C, hemm hafna ritratti li huma minn profil li l-Melita ma pprovditx IP address ghalih. Ikkonferma illi l-mobile number huwa assenjat ma dak il-Facebook profile. Facebook kien li pprovdihom bin-numru tal-mobile li mbghad hu ghaddih lill-Ispettur. Mistoqsi jekk l-imputat kienx mal-Melita bil-kuntratt hu wiegeb li dik m'hix fid-dipartiment taghhom.

**Jospeh Camenzuli**[19] xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fejn qal li hu qatt ma kellu kuntatt jew xi argument ma Dr Aquilina. Hu ammetta li kiteb il-messagg izda rrimarka li kitbu fil-kuntest kollu mhux bicca wahda. Hu kompla jghid li kiteb xi haga zghira li qed jinterpretaha bhala theddida. Spjega li ghandu hanut fil-vicinanzi tal-Parlament u n-negozju bghatta minhabba l-protesti li kienu qed isiru. Kulhadd kien irrabjat ghal vittma l-ewwel wiehed hu. Qal li huma jafu x'raw b'ghajnejhom, sahansitra raw lill-pulizija jissawtu. Sostna li l-protesti kienu li dejquh u xejn aktar. Pubblikament skuza ruhu jekk inftiehem hazin ghax hu ma qallux biex ma jmurx il-Belt u minhabba l-protesti ntqal dan. Fir-rigward tal-ahhar bicca tal-kumment tieghu hu rrimarka illi dan kien biss bhala twissija ghax hdejn il-Parlament kollha jghidu kontra l-vittma qishom ser jaghmlu xi haga.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia**[20] li ghamlet evalwazzjoni fit-tul t' Artikolu 49 ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, bin-numru 50/2017, fl-ismijiet,* ***Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca****, deciza fis-sebgha (7) ta' Frar 2019, fejn intqal hekk dwar l-Artikolu 49 tal-Kap 399 talLigijiet ta' Malta:*
>
> *"L-element essenzjali ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-uzu ta' network jew apparat elettroniku...... L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbaghad jirreferi ghal uzu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif gia` kellha l-*

[19] Fol. 134 tal-atti processwali.
[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2022.

*opportunita din il-Qorti li tikkummenta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini** "uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti." (deċiża fl-24 ta' Lulju 2017).*

*It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' hsara ingusta. Kif gia` sottolineat aktar qabel b'rabta mat-tieni akkuza, dan ma rrizultax.*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, flismijiet, **Il-Pulizija vs Mark Camilleri**, deciza fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn il-kaz kien jitratta imputazzjoni li allegatament sehhet fl-2014, snin qabel ma' gie introdott il-proviso bl-Att XI tal-2018. Il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet, u applikat dan il-proviso f'dan il-kaz:*

*Sahansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' intuza mill-imputat kien wiehed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li iddahhal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jezisti l-ebda reat taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399: "Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar ilMidja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

*"lli fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem din il-Qorti, Dr Andrew Sciberras l-Avukat difensur tal-appellant spjega li fis-sentenza appellata, l-imputat kien instab hati taht l-artikolu 49 tal-Kap 399 abbinat malartikolu 252 tal-Kodici Kriminali.*

*Izid ighid pero li bl-att XI tal-2018 li dahal fis-sehh fl-24 ta' April, 2018 u ghalhekk fil-mori tal-proceduri ta' dan l-appell u wara sentenza tal-ewwel Qorti, l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali gie mhassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess att (XI.2018.32) zdied proviso ghal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll giet eskluza l-htija taht dik il-ligi meta l-kliem malafamanti jistghu jghatu lok ghall malafama jew ingurja skont l-att dwar il-Media. …Din il-Qorti sejra tibda billi tezamina jekk dawn l-emendi li saru fil-mori tal-appell u Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant taht l-artikolu 49 ( c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta' Att XI.2018.32 u cioe li ghamel uzu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal–komunikazzjoni eletronici billi immalafama lill-Mario Calleja .*

*Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:*

*'Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika – (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bilħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat; Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok*

*għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Dan il-kaz jittratta dwar kummenti li saru minn Mark Camilleri fuq il-blog tal-gurnalist Victor Vella fir-rigward tal-artikolu bl-isem "Is-Sindku ta' Marsakala, tal-PN ilhom ma jesqu 'l hawn' li kien gie pubblikat fuq il-gurnal l-Orizzont ta' nhar id-9 ta Mejju, 2014. Din il-Qorti tqis din dan il-kumment bhala tali jaqa' taht ilproviso mizjud permezz tal-Att Att XI.2018.32. Jirrizulta li l-kliem uzat huwa 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat' u ghalhekk jirrizulta li jistgha jaghti lok ghal-azzjoni ghal-malafama jew ingurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan huwa kaz fejn l-appellant ippublika xi kliem malafamanti fuq xi sit socjali online u allura fejn il-pubbliku jew uhud mil-pubbliku kellu access ghalih.*

*Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ukoll ghal posts ohra li jinsabu fuq l-blog kif rapportati id-dokument esebit fl-atti markat bhala dok RSA 2 a fol. 10 et seq fejn jirrizulta li hemm diversi malafami ohra bhal 'min gie elett mhux kapaci jamminsitra,....sindku bazi....min mhux tajjeb biex jamminsitra u qed igib il-voti billi jidhaq binnies ghandu jmur id dar u jibda jfitte xoghol....empty vessels make most sound, u kif stqarr Mario Calleja stess fix-xhieda li hwua ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huma kollha kummenti malafamanti u ingurjuzi fil-konfront tieghu.*

*Ghalhekk jirrizulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 huma tali li fit-termini tal proviso ta' dan l-artikoli m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

*Ghaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-emenda li saret fil-mori tal-appell m'ghadux applikabbli.*

*Ikkunsidrat;*

Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini**' (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017) (Kaz Numru: 371/2017)

*'Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina lemenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal- 2007.*

*Illi ma hemmx dubju illi l-imputat intenzjonalment uza s-social media sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi tella posts bi kliem ingurjuz dwar il-parti leza. Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-ligi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jigifieri li wieħed juza apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorci flus, igiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaga illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li gara huwa nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone uzajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk uzajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bzonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niccaraw 'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola generali "or makes any other improper use thereof" imma gie izjed specifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jigi projbit, li tuza apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."*

*Minn dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il- kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.*

*Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

*Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:*

*'Uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.''*

*Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li: 'Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi l-akkuzi addebitati lilu huma dik ravvizata fissub-inciz (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta l-uzu*

*mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni. Billi jirrizulta minn qari tal-email ezebiti illi huwa tellgha posts fuq il blog ta Victor Borg bi kliem ingurjuz u lill-kwerelant b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza.*

Fis-sentenza fl-ismijiet <u>'Il-Pulizija Vs Lee Borg'</u> (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2016 (Appell Numru: 27/2016) il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

'*Jilmenta ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat.*

*Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b) u (c) ta' l-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss ittheddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija.*

*Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bghat email bi kliem ingurjuz lill-kwerelanti b'dan halhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech</u>'** (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)) gie kkunsidrat li:

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor.* ***Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bilparagrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li talanqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c) msemmi.'"***

F'dawn il-proceduri din il-Qorti m'ghandhiex xi kaz fejn l-appellant ghamel biss xi kumment malafamanti li huwa miftuh ghall-interpretazzjoni. Il-kumment li l-appellant ammetta li tella' hu stess fuq is-sit socjali *Facebook* jidher li hu kumment car u jirrifletti rabja da parte l-appellanti. Mhux skuza li l-appellanti kitbu fis-sahna tal-mument u din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellant fejn hu spjega meta xehed *viva voce* quddiem il-Qorti li bl-ahhar sentenza tieghu u cioe' '*u jien ga dejjaqtni l-Belt ha nghidlek ibda ibza wahdek il-Belt*' hu ried ifisser li li n-nies hdejn il-Parlament bdew jghidu kontrih qishom ser jaghmlu xi haga. Din il-Qorti ma tahsibx li din l-

ahhar rimarka kienet biss twissija ghal nies ohra meta hu nkludha lilu nnifsu fl-istess sentenza u qed jghidlu li kien dejqu.

Fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Francis Frendo</u>**[21] il-Qorti qieset it-tifsira tal-kelma theddid u nterpretat il-kelma <u>theddida bhala biza t'aggressjoni futura</u>. Oltre minn hekk mit-ton tal-kumment in generali jidher illi ftit qabel tenna wkoll il-kliem '*ahna kwieti imma sakemm ittellghuhomna*'. Ghalhekk il-kumment huwa car u ghalkemm forsi l-appellant kien irrabjat ghax in-negozju kien mar lura minhabba l-protesti, zgur li mhux gust illi tramite *fake account* jaghmel tali kumment fejn sahansitra huwa car li qed jhedded il-vittma.

**Ikkunsidrat;**

Fir-rigward tal-piena nflitta, il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tarquin Vella</u>**,[22] fejn gie ritenut illi l-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezerċizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

F'sentenza ricenti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Gilbert Bezzina</u>**,[23] din il-Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'<u>L-aspett retributtiv</u> tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex <u>jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni</u>*

[21] Referenza ghal din is-sentenza saret fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Manuel Galea</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Frar, 2022.
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020.
[23] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-16 ta' Ottubru, 2020.

*<u>ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat.</u> Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*<u>L-aspett preventiv</u> tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor<u>, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.</u> L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm <u>l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u> tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu <u>jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.</u>*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet

kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**[24] :

> *"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more*

[24] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005.

*recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll l-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn din il-Qorti kemm fil-kompetenza taghha Superjuri kif ukoll Inferjuri. (Ara wkoll **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'**).[25]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dailin Bennetti**,[26] din l-istess Qorti ***kif preseduta*** qalet hekk:

*'Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-****Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza* ***semplicìment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena.*** *Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieġ li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet tohroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli ghall-każ.* ***Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, ghalkemm ikunu jidhru li***

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru, 2019.
[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Settembru, 2020.

***<u>huma pieni horox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.</u>'***

Il-piena tar-reati hekk kif dedotti fit-tieni u t-tielet akkuza hija ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebgħin centezmu (€23,293.73). F'dan il-kaz l-appellant instab akkuzat ta' zewg akkuzi u cioe' dawk ai termini tal-Artikolu 49(a) u (c). Ghalhekk, anke jekk il-multa fl-ammont ta' tlett elef euro (€3000) tidher xi ftit harxa, din inghatat fil-parametri tal-ligi u pjuttost ixxeqleb lejn il-minimu meta wiehed jikkunsidra illi l-appellant instab hati taz-zewg imputazzjonijiet taht l-Artikolu 49 ta' Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-massimu tal-multa setghet titla' ghal aktar minn ghoxrin elf euro (€20,000).

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-appellant in parte fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u ghalhekk thassar il-parti fejn din il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha. Tichad il-kumplament tal-aggravji tal-appellant u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur